MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 6/2011/1

**Joseph Bajada (Karta ta' l-Identità bin-Numru 24466G) u S.B. Autocentre Limited (C-16378)**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn Joseph Bajada u s-socjetà S.B. Autocentre Limited fis-6 ta' Gunju 2011 permezz ta' liema jitolbu li t-Tribunal jirrevoka *in toto* d-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ta' l-24 ta' Mejju 2011, bl-ispejjez kontra l-istess Awtorità, stante li tali decizjoni hija infondata fil-Ligi u tmur *ultra vires* il-poteri afdati lill-imsemmija Awtorità u konsegwentement hija llegali u assolutament ingustifikata;

Ra d-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta datata 24 ta' Mejju 2011 anness mar-Rikors promotur a fol. 5 tal-process;

Ra r-Risposta ta’ l-Awtorità ghat-Trasport f’Malta permezz ta’ liema topponi ghat-talba tar-Rikorrenti u titlob li l-istess tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom, stante li t-talba taghhom hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex: (i) hekk kif l-Awtorità giet a konoxxenza tal-fatti migjuba quddiemha wara li saret spezzjoni fuq il-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni EAX-912, hija qdiet l-obbligi u d-doveri mistennija minnha skond il-Ligi; (ii) il-Ligi in kwistjoni, ossia l-Avviz Legali 43 ta’ l-2008 u l-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, hija ligi tassattiva fis-sens li meta l-persuna tikser il-provvedimenti hemm stipulati l-Awtorità ghandha timponi fuq tali persuna l-punti ta’ penalità u l-multa amministrattiva relattiva; u (iii) id-decizjoni attakkata hija gusta, legali u ghandha tigi kkonfermata;

Sema’ x-xhieda tar-Rikorrent Joseph Bajada moghtija waqt is-seduti tat-30 ta’ Settembru 2011[1] u tat-28 ta’ Ottubru 2011[2] u ra d-dokumenti minnu esebiti waqt is-seduta tat-30 ta’ Settembru 2011 markati Dok. “JB1” sa’ Dok. “JB3” a fol. 20 sa’ 22 tal-process, sema’ x-xhieda moghtija minn Joe Mifsud[3] u minn George Farrugia[4] waqt is-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2011 u ra d-dokumenti esebiti minn Joe Mifsud waqt l-imsemmija seduta markati Dok. “JM1” sa’ Dok. “JM5” a fol. 30 sa’ 34 tal-process u sema’ x-xhieda ta’ Mario Buhagiar, rapprezentant ta’ Michael Debono Limited, moghtija waqt is-seduta tat-3 ta’ Frar 2012[5] u ra d-dokumenti minnu esebiti waqt l-imsemmija seduta a fol. 62 u 63 tal-process;

Ra n-Nota ta’ Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti pprezentata fil-11 ta’ April 2012[6] u n-Nota ta’ Sottomissjonijiet Responsiva ta’ l-Awtorità intimata pprezentata fl-1 ta’ Gunju 2012[7];

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

---

[1] Fol. 17 sa’ 19 tal-process.
[2] Fol. 37 u 38 tal-process.
[3] Fol. 25 sa’ 29 tal-process.
[4] Fol. 35 u 36 tal-process.
[5] Fol. 59 sa’ 61 tal-process.
[6] Fol. 65 sa’ 72 tal-process.
[7] Fol. 74 sa’ 79 tal-process.

**Ikkonsidra:**

B’ittra datata 24 ta’ Mejju 2011[8] ir-Rikorrenti gew infurmati li *on the 19th May 2011 Transport Malta Technical Officials had carried out a post VRT inspection on vehicle bearing registration number EAX 912. During the inspection the vehicle was found with no seal in the diesel fuel injection pump. Your test was carried on the 4th May 2011 and issued a passed the test certificate (C2565683). The test was carried out by Mr. Joseph Bajada licence number LTD/38/98/6. Please be informed that according to Legal Notice 43 of 2008 and Subsidiary Legislation 65.15 Schedule 12 item 23 and therefore being penalized the total points of 50 points (Fifty) that are equivalent to €550.* Ir-Rikorrenti jikkontestaw din id-decizjoni ta’ l-Awtorità intimata u jitlobu li tigi revokata *in toto* stante li l-pompa tad-diesel ta' l-ghamla Toyota installata fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni EAX-912 ghandha sigill tal-manifattur u ghalhekk ma kienx hemm sigill nieqes u stante li l-Awtorità ma setghetx tinfliggi multa amministrattiva fuq l-operatur f' kaz li jigu riskontrati nuqqasijiet fl-operat tat-tester.

L-Awtorità intimata topponi ghat-talba tar-Rikorrenti u tishaqq li d-decizjoni taghha li timponi hamsin punt ta’ penalità u multa amministrattiva ta’ €550 fuq l-operatur hija gusta u timmerita konferma stante li hi agixxiet kif kien fid-dover u obbligu taghha li taghmel hekk kif mill-post VRT test fuq il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni EAX-912 irrizultat il-vjolazzjoni tal-provvedimenti ta’ l-Avviz Legali 43 ta’ l-2008 u tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 da parte tar-Rikorrenti. Skond l-Awtorità intimata l-vjolazzjoni mwettqa mir-Rikorrenti hi dik li naqsu milli josservaw dak provdut fil-paragrafu E ta’ l-Ewwel Skeda tar-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba ghat-Triq, Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, u cioè li jsir ezami tas-sigill tal-*high pressure fuel pump* tal-vettura sottoposta ghall-VRT test.

[8] Fol. 5 tal-process.

Mill-provi prodotti mir-Rikorrenti, senjatament mix-xhieda ta’ Joseph Bajada moghtija waqt is-seduta tat-30 ta’ Settembru 2011[9] u waqt is-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2011[10] u mid-dokumenti minnu esebiti[11], u mis-sottomissjonijiet minnhom avvanzati, jirrizulta b’mod car li l-kontestazzjoni centrali taghhom hija li huma ma vvjolawx dan il-provvediment tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 ghaliex il-pompa tad-diesel ta’ l-ghamla Toyota installata fuq il-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni EAX-912 già ghandha sigill tal-manifattur u b’hekk, dement li dan is-sigill ikun ghadu integru ma hemmx il-htiega u konsegwenti obbligu li jigi installat sigill ulterjuri kif pretiz mill-Awtorità intimata. Jikkontendu li vettura li ghandha din it-tip ta’ pompa tad-diesel u s-sigill tal-manifattur ikun ghadu integru, hekk kif kien il-kaz tal-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni EAX-912, ma tistax ma tghaddix mit-test tal-VRT ghaliex ghandha is-sigill tal-pompa tad-diesel nieqes jew imbaghbas.

L-Awtorità intimata da parte taghha tikkontesta din l-affermazzjoni tar-Rikorrenti u tikkontendi li dak li r-Rikorrenti jsejhulu sigill fil-fatt ma huwiex sigill ghall-finijiet u effetti tal-Ligi u jekk f’vettura li tkun ghaddiet mit-test tal-VRT jirrizulta li ma jkollhiex tali sigill mehtieg mill-Ligi, l-Ufficjali ta’ l-Awtorità necessarjament ikollhom jirriskontraw il-vjolazzjoni da parte ta’ l-operatur tal-VRT station u tal-VRT tester ta’ dak provdut fil-paragrafu E ta’ l-Ewwel Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 bil-konsegwenza li tigi imposta s-sanzjoni relattiva.

F’tali rigward Joseph Mifsud, Assistant Technical Manager ma’ l-Awtorità intimata, in kontro-ezami u ri-ezami xehed illi *qed nigi mistoqsi jekk il-magna Toyota fihiex sigill spot welded fuq il-vit li jirregola l-fuel nghid illi le, dak is-sigill mhux spot welded. Qed nigi muri r-ritratt dok JM1 u nerga’ ntenni li s-sigill li jigi lest digà mal-magna Toyota mhux spot welded. Qed nara d-dokument JB1, nikkonferma li dak li jidher hemm huwa sigill, però mhux spot welded ghax xi haga li tirregola flow ma tistax tkun spot welded.*

[9] Fol. 17 u 18 tal-process.
[10] Fol. 37 u 38 tal-process.
[11] Dok. “JB1” sa’ Dok. “JB3” a fol. 20 sa’ 22 tal-process.

*Qed nara l-estratt mill-manual tat-Toyota Dok. JB2 u Dok. JB3 u nghid li fil-fatt mhux iwweldjat dan is-seal izda huwa pressed ghax kieku iwweldjat ma jistax jinqasam. Fil-fatt is-sigill billi huwa pressed ikun jista' jigi aggustat u ma jkunx jidher li gie aggustat ghar-raguni li mbaghad din il-magna ghandha sistema ta' locking taghha innifisa. Nerga' ntenni li ghalkemm il-manual jirriferi ghal spot welding dan ikun fuq gewwa, u allura jekk is-seal jigi mbaghbas ma tkunx tista' tinduna. Fuq domanda tat-Tribunal nghid illi s-seal fih innifsu m'ghandux toqba minn fejn jista' jghaddi s-sigill ta' l-Awtorità izda toqba fil-vit u toqba fil-body tal-pompa. Qed nigi mistoqsi jekk bis-sigill li taghti l-Awtorità jistax dan il-vit u s-sigill tal-fabbrika jintmess, nghid illi peress li hemm ftit tat-tul jista' jiccaqlaq ftit 'l hemm u ftit 'l hawn izda ma jaghmilx daqstant differenza. … Qed nigi mistoqsi mit-Tribunal apparti d-domanda in ri-ezami, illi una volta s-sigill tal-fabbrika jinqatghax ikunx jista' wiehed jinduna li dan gie maqtugh nghid li vizwalment ma tistax tinduna ghax dan ma jidhirx sew*[12].

Dak affermat minn Jospeh Mifsud gie kkonfermat ukoll minn George Farrugia, *technical officer* ma' l-Awtorità intimata, li in kontro-ezami u ri-ezami xehed illi *jiena nikkonferma illi l-magna li kellha din il-vettura* [il-vettura meritu tal-kontestazzjoni] *kienet wahda Toyota. Qed jigi suggerit lili li fil-fatt dawn it-tip ta' magni fil-fuel pump johorgu b'seal mill-fabbrika, nghid illi dan mhux seal imma lock. Il-lock in kwistjoni mhux wiehed welded però jidher biss li huwa maghfus. Il-lock li qed nirreferi ghalih jiena, bhala l-lock li johrog mill-fabbrika tista' ddawru bi spanner u l-vit idur bi ftit. Wiehed ikun jista' jdawwar il-vit u ma jidhirx li jkun imdawwar. Meta mbaghad ikun hemm is-sigill ta' l-Awtorità dan l-istess sigill forsi jaghti lok ta' millimetre l-iktar l-iktar millimetre u nofs. Jekk dak li jien qed nghidlu lock, Dr. Galea qed jirreferi ghalih bhala sigill, jigi maqsum, jekk wiehed jahdem bil-galbu u jerga' jpoggi lura kollox kif kien ma jigix jidher li dan is-sigill huwa maqsum. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid illi ghalkemm is-seal maqtugh vizwalment ma tantx ikun jidher, jekk*

---

[12] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2011, fol. 25 sa' 29 tal-process.

*però xi hadd jipprova jmiss il-vit li jirregola l-flow tal-fuel jekk il-lock ikun maqtugh il-vit idur. … Qed nigi mistoqsi jekk tinhall il-lock nut il-kbira jkunx jista' jiddawwar il-vit minghajr ma jidher li jkun imbaghbas, nghid li iva dan jista' jsir. … fil-kaz ta' din il-magna s-sigill ta' l-Awtorità kellu jitwahhal ghaliex hekk tipprovdi l-Ligi*[13].

Ir-Rikorrent Joseph Bajada jikkontesta dak affermat mit-Technical Officers ta' l-Awtorità intimata u apparte l-fatt li jishaqq li din it-tip ta' pompa tohrog b'sigill mill-fabbrika jikkontendi li *kontra dak li qalu l-inspectors ta' l-Awtorità intimata li ghadhom kif xehdu, jekk is-sigill tal-fabbrika tal-pompa tal-fuel jigi mbaghbas l-Inspector ma jistax ma jindunax, ghaliex vizwalment jirrizulta gap li wiehed jista' jarah, u anke jekk wiehed jipprova bit-tornavit ser jhossu aktar loose milli kieku s-sigill baqa' intatt. Naturalment is-suspett jigik ghax il-vettura tkun qed iddahhan. … Fuq domanda tat-Tribunal nghid illi ghalkemm vettura, bhal ma gara f'dan il-kaz, l-emissions test jirrizulta no emissions, ahna xorta nkunu obbligati niccekkjaw ghas-sigill mal-pompa tal-fuel. Fir-rigward ta' din il-magna partikolari jiena dehrli li s-sigill kien intatt u allura ma kienx hemm il-htiega li jitwahhal is-sigill ta' l-Awtorità*[14].

Rinfaccjat b'dawn iz-zewg versjonijiet kuntrastanti ghal xulxin it-Tribunal deherlu li l-uniku mod logiku u gust kif jista' jasal ghall-vera natura tal-*flow control screw* tal-pompa tal-fuel ta' l-ghamla Toyota installata fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni EAX-912, huwa billi jinghata spejgazzjoni dwar din it-tip ta' pompa tal-fuel da parte ta' rapprezentant ta' Michael Debono Limited, l-agent lokali tat-Toyota. Di fatti fuq ordni tat-Tribunal Michael Buhagiar, rapprezentant ta' Michael Debono Limited, xehed waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2012 u ddikjara li *qed nigi mistoqsi jekk il-pompi tad-diesel tal-magni Toyota johorgux b'seal li jirregola l-flow tal-fuel nghid illi, fil-verità l-pompi johorgu b'lock ghalkemm hafna nies dan jahsbuh seal, fil-fatt il-pompa ghanda l-postijiet minn fejn jista' jehel u titwahhal*

[13] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2011, fol. 35 u 36 tal-process.
[14] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2011, fol. 37 u 38 tal-process.

*ic-comba. Meta dan il-lock jintmess bi spanner u jiddawar clockwise dan ivvarja u naturalment ikun hemm varjazzjoni fil-flow tal-fuel. Jiena dan qed nixhdu bhala rapprezentant ta' Micheal Debono Limited. Qed nigi muri l-manual a fol 21 u 22 tal-process, u nghid li ghalkemm dawn l-ispecifications jiddeskrivu dak li jien qed insejjahlu lock bhala, fil-verita m'hu xejn hlief lock u nerga' ntenni li bi spanner dan jista' jigi mcaqlaq. Qed nigi mistoqsi jekk fil-fatt meta dan is-seal jigi mcaqlaq bi spanner ikun jidher peress li hemm spot welding, nghid li mhux dejjem u dan ghar-raguni li tkun trid tillivah b'turnavit kif jidher mill-istess manual. Ma tindunax li jkun hemm tampering ma' dan il-lock ghar-raguni li l-spotweld iddur ma' l-iskorfina. Fuq domanda tat-Tribunal nghid li ma' l-Awtorita' tat-Trasport, Micheal Debono Limited qatt ma kellha kwistjonijiet fuq dawn il-pompi tad-diesel, u ahna fil-fatt nipprovdu c-comb biex ikun jista' jitwahhal u dan mhux qed nipprovduh minhabba xi kwistjoni li kellna ma' l-Awtorita'. Mieghi ghandi l-manual relattiv ghal-pompa tad-diesel tat-Toyota, u minnu fil-fatt jirrizulta li jkunu jridu jsiru s-seals. Fuq domanda tat-Tribunal nghid li ahna meta tigina vettura li jkollha pompa tad-diesel tat-Toyota sirna naghmlulha c-comba mill-ewwel. Il-karrozzi l-godda llum ma johorgux b'din it-tip ta' pompa ghax hija sistema antika. Dawn is-seals ma konniex inwahhluhom minn dejjem, ahna bdejna nwahhluhom minn wara li rcevejnha avviz minghand l-Awtorita' tat-Trasport biex dawn is-seals jitwahlu. Ghalkemm ma niftakarx data ezatta minn meta bdejnha naghmlu dan, ilna aktar minn sitt snin zgur. Fuq domanda tat-Tribunal nispjega li kienet l-Awtorita' stess li provdietna bic-comb biex fejn hemm il-post ghalih jitwahhal, u nghid li fil-verita' t-toqob f'din il-pompa ma jkunux saru ghalxejn, ghar-raguni li biex ikunu saru dawn it-toqob jinhtiegu hafna flus. Jiena l-workshop supervisor fi hdan Micheal Debono Limited u niehu hsieb il-VRT ukoll, naturalment bl-impjegati tahti. Fi zmien meta rcevejnha l-instructions mill-Awtorita' ntimata, jien kont ghadni minix il-workshop supervisor pero' naf li kien hemm instructions biex dawn is-seals jehlu. Lit-Tribunal qed nurih zewg manuals, wiehed minnhom huwa manual tal-one engine li tirreferi ghal magna 15 ta' Toyota. Minn dan il-manual minn pagna fu38 sa' pagna fu44 juri l-lock in kwistjoni. Fil-fatt fir-*

*rigward ta' din il-pompa partikolari l-lock mhux imsemmi bhala seal, u fl-ahhar faccata jidher li fil-fatt irrid jitwahhal ic-comb. Qed nipprezenta manual iehor li huwa ghal 2Lt engine li huma ghal magna 24, wahda bit-turbo u l-ohra minghajru. F'dan il-manual minn pagna fu31 sa' fu45, jirrizulta specjalment f'pagna fu45 illi xorta wahda ikun irid jitwahhal is-seal. Fuq domanda tat-Tribunal nghid illi seal ma jitwahhalx biss meta dak il-lock ikun gie tampered imma mill-bidu, jigifieri anke meta ma jkunx tampered. Qed nigi muri r-ritratti a fol 30 u 31 tal-process u nikkonferma li din hija magna 1N jigifieri 15 turbo diesel. Id-dok TM a fol 40 sa' 44 tal-process fil-fatt huwa kopja tal-manual relattiv ghal 1N engine. Nikkonferma li skond il-manual ic-comba tkun trid titwahhal wara li l-lock jigi adjusted. L-istess manual ma jghid xejn fir-rigward li titwahhal c-comba qabel ma jigi adjusted is-seal. Ic-comba titwahhal fuq ordni specifika ta' l-Awtorita' tat-Trasport f' Malta.*

Minn din ix-xhieda jirrizulta li kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrenti, il-pompa tad-diesel tal-magna Toyota tat-tip installata fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni EAX-912 ma tigix b'sigill mill-fabbrika izda tigi b'sistema ta' *lock* li jirregola l-*flow* tal-*fuel,* liema *lock* però ma jikkostitwixxix sigill ghall-finijiet u effetti kollha tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15. Ghalkemm gie stabbilit dan il-punt it-Tribunal jidhirlu però li fid-dawl ta' l-aggravji sollevati u sottomissjonijiet avvanzati mir-Rikorrenti huwa xorta ghandu jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz kienx hemm o meno vjolazzjoni tal-provvediment tal-paragraf E ta' l-Ewwel Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 da parte ta' l-istess Rikorrenti u jekk is-sanzjoni imposta mill-Awtorità intimata bid-decizjoni ta' l-24 ta' Mejju 2011 hijiex gustifikata.

Mill-provi prodotti u mis-sottomissjonijiet avvanzati jirrizulta li l-htiega li jsir ezami tas-sigill tal-*high pressure fuel pump* giet introdotta bl-Avviz Legali 41 ta' l-2006 u s-sigill li ssir referenza ghalih f'tali provvediment tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 ma huwiex kwalunkwe tip ta' sigill izda s-sigill specifikatament provdut mill-Awtorità intimata lill-istazzjonijiet tal-VRT. Dana jirrizulta b'mod

partikolari mix-xhieda moghtija minn Jospeh Mifsud, Assistant Technical Manager ma' l-Awtorità intimata, waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2011, fejn iddikjara li *l-mod kif jista' jehel dan is-sigill* [dak mehtieg u provdut mill-Awtorità intimata] *huwa pjuttost semplici u m'hemmx bzonn ta' xi ghodda jew welding partikolari. Dan it-tip ta' sigill jista' jitwahhal facilment ma' pompa tad-diesel tal-magna Toyota peress li l-mod kif inhi disinjata jista' jitwahhal ferm facilment. L-iskop ta' dan is-sigill huwa wiehed pjuttost semplici, kif ga spjegajt qabel il-flow tal-fuel jigi regolat mill-vit li semmejt. Il-flow tal-fuel tigi regolata waqt l-VRT test, jekk waqt it-test jirrizulta li l-vettura ma jkollhiex emissions, ghaliex aktar ma jghaddi fuel aktar ikun hemm emissions, it-tester ikun obbligat li dik il-vettura li tghaddi jwahlilha sigill. Is-sigill qieghed hemm preventiv biex dan il-vit ma jigix imbaghbas. Fil-fatt jekk is-sigill ma jkunx hemm, hekk ikun hemm turija cara li l-vit intmess. Dan is-sigill dahhalnih ghar-raguni li hafna drabi n-nies kienu qed imorru ghall-VRT testing bil-flow tal-fuel tajjeb ghall-skopijiet ta' emissions imbaghad wara li jlestu mit-test jergghu jhollu l-vit u jghaddi aktar fuel fil-magna. Dan is-sigill tant kien sar necessarju li fil-fatt l-obbligu li jitwahhal tirrizulta mil-ligi tal-VRT … Is-sigill jigi provdut mill-Awtorità tat-Trasport lill-VRT stations u ma hemm l-ebda spiza ghalihom biex jinghataw dan is-sigill peress li mill-Awtorità jinghata b'xejn, addirittura ghandhom dritt jitolbu charge ghall-fatt li jkunu wahhlu s-sigill*.

Il-paragrafu E ta' l-Ewwel Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 introdott bl-Avviz Legali 46 ta' l-2006 jipprovdi li *meta dan ikun japplika, il-vetturi fil-klassijiet kollha li jkunu mghammra b'magna li tahdem bid-diesel ghandhom jigu ezaminati dwar jekk il-pompa tal-fuel bi pressjoni ghaliha tkunx issigillata jew le.* Meta dan il-provvediment partikolari dahal fis-sehh l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta – l-Awtorità kompetenti dak iz-zmien – ghaddiet biex tinnotifika lill-operaturi ta' stazzjonijiet tal-VRT, inkluz is-socjetà Rikorrenti S.B. Autocentre Limited, b'dan l-obbligu gdid impost fuqhom u gharrfithom li *you are reminded that in addition to the previous Special Notice mentioned above vehicles are to be also inspected for presence of the high pressure fuel pump seals where*

*applicable. Any vehicles having a missing or broken seal are to be refused the issue of a VRT Pass Certificate. An issue of refusal is to be affected by the inclusion of the visual defect on the VRT printout and on the on-line input for having "a missing or broken Fuel injection Pump Seal"*[15]. Apparte dan l-avviz, fis-6 ta' Awwissu 2010 l-Awtorità mill-gdid fakkret lill-operaturi ta' VRT stations li *all diesel pumps that has an orifice (hole) preparation to take a seal, a seal must fitted. Both the full throttle and the fuel adjuster screws must have seals. Those not found with a seal fitted are subject to 50 point infringement as per S.L. 65.15.*[16]

Fil-fehma tat-Tribunal b'dawn iz-zewg avvizi l-Awtorità zzgurat li l-operaturi ta' VRT stations kienu ben konxji ta' l-obbligu impost fuqhom bil-paragrafu E ta' l-Ewwel Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 **u** ta' l-import ta' l-istess, u cioè li fejn applikabbli, jigifieri fejn f'pompi tad-diesel kien hemm *orifice preparation,* kellu jitwahhal is-sigill minnha provdut. Konsegwentement ghalhekk min nonostante dawn iz-zewg avvizi naqas milli joqghod ghal tali obbligu, gustament gie sanzjonat mill-Awtorità bil-mod kif provdut fir-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba ghat-Triq.

Kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrenti l-Awtorità intimata ma biddlitx il-Ligi b'semplici ittra u di fatti ma humiex korretti meta fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom jikkontendu li *jekk xi haga jew stat ta' fatt kienet regolari u legali qabel ma tintbaghat ittra bhal dik ta' Marzu 2006, bis-semplici fatt li tkun intbaghtet dik l-ittra, dik l-istess haga ma gietx reza irregolari jew illegali. Huwa biss il-legislatur li b'intervent idoneju, jista' jbiddel il-legislazzjoni sussidjarja li torbot lill-operaturi*. Kif già iktar 'l fuq osservat il-htiega li jsir l-ezami tas-sigill tal-*high pressure fuel pump* giet introdotta bl-Avviz Legali 41 ta' l-2006 u minn tfittxija dwar dan l-Avviz Legali jirrizulta gie pubblikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern ta' l-4 ta' Frar 2006 jigifieri iktar minn xahar qabel l-avviz moghti mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta fis-17 ta' Marzu 2006.

---

[15] Dok. "JM4" a fol. 33 tal-process.
[16] Dok. "JM5" a fol. 34 tal-process.

L-Awtorità ghalhekk ma kenitx qed tbiddel il-Ligi izda kienet qed tgharraf lill-operaturi ta' VRT stations, fosthom ir-Rikorrenti, bil-bidla fil-Ligi.

Ghall-istess raguni r-Rikorrenti lanqas ma huma korretti meta fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet taghhom jikkontendu li *lanqas ma tista’ l-Awtorità b’semplici ittra bhal dik, tibdel l-interpretazzjoni li qabel kienet tinghata lil xi ligi partikolari. Joseph Mifsud spjega li dik l-ittra intbaghtet minhabba l-fatt li kien hemm okkazzjonijiet fejn sidien ta’ vetturi kienu jbaxxu l-flow tal-fuel ghall-pompi tal-magni taghhom, qabel ma jmorru ghall-VRT test. Dan sabiex il-magna ma jkollhiex emissjonijiet iktar milli suppost. Imbaghad, darba l-vettura tghaddi mit-test jergghu jifthu l-flow mill-gdid. Dan jimplika li, sa’ dak il-mument li ntbaghtet dik l-ittra l-Awtorità innifisha kienet tikkunsidra li s-sigilli bhal dak in kwistjoni kienu konformi mal-ligi u ma kien hemm ebda htiega li f’kazijiet simili jitwahhlu xi sigilli addizzjonali. Imma la darba dan kien il-kaz, ir-rimedju li messha hadet l-Awtorità kellu jkun li temenda l-ligi u mhux ‘ticcara’ l-interpretazzjoni tal-ligi b’ittra intern minn taghha*.

Kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrenti l-Awtorità ma biddlet jew iccarat ebda interpretazzjoni b’semplici avviz ghaliex, jigi ribadit, il-htiega ta’ l-ezami tas-sigill tal-*high pressure fuel pump* giet introdotta permezz ta’ Avviz Legali pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi Frar ta’ l-2006 u l-Awtorità *qua* awtorità regolatrici fis-settur kellha kull dritt u addirittura d-dover li tintroduci htigijiet preskritti godda fil-kuntest ta’ VRT tests meta u kif necessarju, hekk kif jidher kien il-kaz tas-sigill ma’ pompi tad-diesel.

Fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet taghhom ir-Rikorrenti jargumentaw ukoll illi *l-Awtorità naqset li ggib xi prova li kemm l-ittra kif ukoll l-email jew xi wahda minnhom giet effettivament innotifikata lill-esponenti. Piuttost il-kuntrarju. L-e-mail tas-6 ta’ Awwissu 2010 jirriuzlta li giet indirizzata lil sb-auto@hotmail.com’: jekk wiehed jaqra l-indirizz riportat fil-kopja tal-e-mail ezebita mill-Awtorità bi zball inseriet zewg ” mentri kemm qabel kif ukoll wara kull indirizz iehor, u qabel l-indirizz ta’ l-esponenti tintuza ‘ wahda biss. Huwa fatt li punctuation mark zejda jew*

*nieqsa f'indirizz elettroniku huwa bizzejjed sabiex jizgura li l-e-mail de quo ma tasalx ghand il-persuna li lilha tkun indirizzata. Mentri fir-rigward ta' l-ittra tal-2006 giet esebita biss kopja ta' ittra cirkulari minghajr ebda referenza ghall-persuni li suppost dik l-ittra intbaghtet lilhom. Multo magis ma ngabet ebda prova li l-esponenti kienu fost il-persuni li lilhom intbaghtet dik l-ittra. Ghaldaqstant, f'dan ir-rigward id-dikjarazzjoni ta' Joseph Bajada li huma qatt ma rcevew la l-ittra u lanqas l-e-mail ma giet kontradetta b'ebda mod.* Dak minnhom sottomess però jirrizulta ghal kollox kontradett mill-provi prodotti quddiem dan it-Tribunal.

Jibda biex jinghad illi l-ittra Dok. "JM4"[17] esebita minn Joseph Mifsud waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2011, ma hijiex *ittra cirkulari minghajr ebda referenza ghall-persuni li suppost dik l-ittra intbaghtet lilhom* izda, hija ittra indirizzata specifikatament lil Joseph Bajada SB Auto Center, NB off Mgarr Road, Xewkija, Ghawdex – ossia lir-Rikorrenti in kwantu mir-Rikors promotur jirrizulta li l-indirizz minnhom moghti fl-atti ta' dawn il-proceduri huwa l-istess indirizz fejn inbaghat l-avviz tas-17 ta' Marzu 2006. In kwantu rigwarda l-e-mail datata 6 ta' Awwissu 2010, it-Tribunal ma jistax jonqos milli josserva li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom ir-Rikorrenti ressqu kontestazzjoni ghal kollox differenti minn dik minnhom avvanzata waqt il-gbir tal-provi fir-rigward ta' din l-e-mail jew ahjar tan-notifika taghha lilhom. Di fatti waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2011 Joseph Bajada ddikjara li *fir-rigward ta' l-e-mail li baghtet l-Awtorità, nghid li jiena ma rcevejthiex ghax kont bdilt l-e-mail address u kont gharraftu bih. Qed nigi mistoqsi meta bdiltx l-e-mail address u meta avzajt lill-awtorità nghid li d-data ezatta ma niftakarhiex, izda kien qabel din l-e-mail* izda imbaghad, peress illi gharrfu kemm hija evidentement infondata u frivola tali asserzjoni, ir-Rikorrenti biddlu l-bazi fuq liema jikkontestaw l-e-mail in kwistjoni, liema kontestazzjoni wkoll tirrizulta infondata in kwantu ma hijiex bazata fuq provi konkreti u sodisafcenti izda fuq semplici asserzjoni tar-Rikorrenti.

---

[17] Fol. 33 tal-process.

Fic-cirskostanzi ghalhekk ir-Rikorrenti ma rnexxilhomx jippruvaw b'mod sodisfacenti li ma kienux ircevew l-ittra ta' l-Awtorità datata 17 ta' Marzu 2006 u l-e-mail minghand l-Awtorità tas-6 ta' Awwissu 2010 u b'hekk it-Tribunal difficilment jista' jaccetta dak minnhom affermat fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom u cioè li *l-esponenti SB Auto Limited tirrileva li hija naqset milli tistalla s-sigill fuq il-vettura EAX-912 mhux b'xi kapricc jew biex tisfida l-poter ta' l-Awtorità intimata, izda bhala rizultat ta' interpretazzjoni genwina ta' dak li tghid il-ligi.* Konsegwentement fin-nuqqas li jottemperaw ruhhom ma' dak provdut fil-paragrafu E ta' l-Ewwel Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 l-Awtorità intimata gustament ghaddiet biex timponi s-sanzjoni minnha inflitta bid-decizjoni ta' l-24 ta' Mejju 2011.

Fir-Rikors promotur taghhom ir-Rikorrenti jikkontendu wkoll li *fit-termini tar-regolament 21(4) tal-S.L. 65.15, il-multa amministrattiva tista' biss tigi nflitta f'kaz ta' penalty points li jigu ndorsjati fl-iskeda tal-operatur a differenza tal-iskeda ta' tester. Fi kliem iehor il-ligi ma taghtix fakultà lill-Awtorità li tinfliggi multa amministrattiva f'kaz li jigu riskontratinnuqqasijiet fl-operat ta' tester, izda fit-termini tar-regolament 24(2) hija moghtija biss il-fakoltà li jekk tester partikulari jgemma aktar minn 150 penalty point huwa jitnehha minn fuq ir-registru tat-testers ghall-perijodu ta' sena u xejn aktar* u in bazi ghal hekk jippretendu li *d-decizjoni li l-esponenti jigu pnealizzata hamsin punt u l-ammont ta' hames mija u hamsin Euro (€550) hija assolutament ingustifikata.* Dan l-aggravju tar-Rikorrenti però ukoll huwa ghal kollox infondat u bhala tali ma jistax jigi milqugh.

It-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 tittratta dwar is-sistema ta' punti ta' penalità uzata biex jigu determinati l-punti ta' penalità li ghandhom jinghataw meta jitwettaq nuqqas minn operatur jew tester u ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri ghandha tigi kkunsidrata l-Iskeda kif kienet in vigore qabel l-emendi introdotti bl-Avviz Legali 49 ta' l-2012, u cioè l-Iskeda introdotta bl-Avviz Legali 43 ta' l-2008. Ai termini ta' dak l-Avviz Legali u senjatament ta' l-entrata 23 tat-Tnax-il Skeda, operatur **ukoll** jehel 50 punt

ta' penalità meta ma jinghatax kaz tan-nuqqas u tbaghbis tas-sigill tal-pompa tad-diesel u ai termini tar-Regolament 21(2) u (4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 kif applikabbli anke fiz-zmien ma nghatat id-decizjoni ta' l-24 ta' Mejju 2011 kontra r-Rikorrenti, l-operatur jehel multa amministrattiva ekwivalenti ghal €11 ghal kull punt ta' penalità impost fuqu. Minn dan isegwi ghalhekk li d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata ta' l-24 ta' Mejju 2011 li biha naqset hamsin punt ta' penalità lill-operatur u imponiet il-multa amministrattiva relattiva ta' €550 hija gusta u moghtija entro l-parametri tal-Ligi.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-aggravji tar-Rikorrenti fir-rigward tad-decizjoni ta' l-Awtorità intimata ta' l-24 ta' Mejju 2011 ma jisthoqqx li jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-Appell interpost mir-Rikorrenti mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata ta' l-24 ta' Mejju 2011. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-Rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------